MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 630/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMUND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**ANTHONY FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Fenech ta’ 60 sena, bin Carmel u Ursula nee’ Grech, mwieled Hamrun nhar it- 2 ta’ Frar 1949, residenti fil- fond The Dove, Triq il- Kanun, Qormi u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 126749(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f'dawn il- gzejjer u cioe' nhar is- 17 ta' April 2009, ghall- habta tal- 5.30pm fi Triq il- Kostituzzjoni Mosta, waqt li kien qieghed isuq il- vettura bin- numru tar-registrazzjoni EHQ 019, ta' ghamla ERF, hu saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

2) talli fl- istes data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas tat- tharis tar-regolamenti tat- traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi li kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil- funzjoni ta' xi part ital- gisem tal- persuna ta' Josephine Carbonaro, skond kif iccertifika Dr. Daniel Cauchi MD ta' MDH.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija frott ta' incident sfortunat ghall-ahhar. L-imputat kien qed isuq "truck" fil-pjazza tal-Mosta meta' waqaf fuq "pedestrian crossing" biex jaqsmu xi nies mil-lemin tieghu, u kif dawn qasmu, beda jsuq bil-mod, izda kif ghamel hekk, laqat lil Josephine Carbonaro, li kienet fuq ix-xellug tieghu, u kkaginalha griehi gravi. Gara li l-

attenzjoni tal-imputat, bhala sewwieq, kienet kollha fuq in-nies li qed jaqsmu mil-lemin tieghu, u b'hekk bi zvista ma tax-kaz tax-xellug tat-"truck". Kien ghalhekk li hu laqat lil Carbonaro. Dan is-sewqan m'hux perikoluz u bla kont, izda hu traskurat, u ghalkemm kien incident ghal kollox sfortunat, seta' jigi evitat b'aktar attenzjoni mill-imputat. Madankollu, il-Qorti rat illi kemm l-imputat kif ukoll il-vittma kienu kommossi ferm fl-Awla tal-Qorti, u t-tnejn kellhom kliem ta' sabar u kuragg ghal xulxin. Il-Qorti ghalhekk rat illi ma kien hemm ebda animu hazin bejniethom, anzi pjuttost il-kuntrarju.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------